**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF DR MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR.IMĦALLEF DR GIOVANNI GRIXTI LL.D.**

**Illum l-Erbgħa 19 ta' Ġunju 2024**

**Att ta' Akkuża Nru. 02/2008**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs**
**Carmelo Cutajar**

Il-Qorti,

**1**.Rat l-Att ta'l-Akkuża miġjuba mill-Avukat Ġenerali kontra Carmelo Cutajar detentur tal-karta ta'l-identita' numru 548257M akkużat talli fl-ewwel ta' April tas-sena elfejn u erbgħa (2004), għall-ħabta ta' bejn is-sagħtejn nieqes kwart u s-sagħtejn ta' wara nofsinhar (1:45 – 2:00pm):

**Fl-Ewwel Kap**, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu. Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Karmenu Cutajar ommissi datat l-4 ta' Frar 2003, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati;

**Fit-Tieni Kap**, talli saq motor-car jew vettura oħra mingħajr liċenzja tas-sewqan, jew motor-car jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenzja jew saqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż. Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Karmenu Cutajar omissis datata 14 ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003), l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reat;

**Fit-Tielet Kap**, talli, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, żamm f'xi fond arma tan-nar jew munizzjoni. Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Karmenu Cutajar omissis datata 14 ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003), l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reat;

**Fir-Raba' Kap**, talli, meta ġie fil-pussess ta' arma tan-nar jew munizzjon, xort'oħra milli b'liċenzja, naqas milli minnufih jagħti avviż tagħha lil Kummissarju tal-Pulizija. Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Karmenu Cutajar, omissis datata 14 ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003), l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reat.

**2.** Rat id-digriet tal-Qorti Kriminali tat-28 ta' Novembru 2023, li permezz tiegħu akkordat it-talba tal-akkużat li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri.

**3.** Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet preliminari ulterjuri tal-akkużat ppreżentata nhar it-30 ta' Novembru 2023 fejn eċċepixxa s-segwenti:

1. L-inammissibilta' tal-istqarrija tal-esponent u kwalsiasi referenza għall-istess u dan kollu minnu mistqarr mingħajr ma l-esponent kien mogħti d-dritt li jikkonsulta ma avukat u mingħajr ma kien mogħti d-debita dritt ta' *disclosure*.
2. L-inammissabilita' tad-deposizzjoni ta' Giuseppi Magri u dan peress illi l-esponent ma jistax jagħmel kontro-eżami ta' dak li stqarr dan ix-xhud.

**4.** Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-05 ta' Marzu 2024 fejn l-Qorti laqgħet l-ewwel l-eċċezzjoni ulterjuri tal-akkużat u għalhekk fir-rigward tal-istqarrija

tal-istess akkużat u kwalunkwe indikazzjoni jew referenza għaliha għandhom jiġu ddikjarati inammissibli u sussegwentament sfilzati mill-atti proċesswali. In oltre, il-Qorti ċaħdet it-tieni eċċezzjoni ulterjuri tal-akkużat.

**5.** Rat ir-rikors ta'l-appell imressaq mill-Avukat Ġenerali ppreżentat fis-07 ta' Marzu 2024 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fejn filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn ċaħdet it-tieni eċċezzjoni ulterjuri tal-akkużat, tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri u minflok tiċħad l-istess.

**6.** Rat ir-risposta ta'l-appell ippreżentata mill-akkużat Carmelo Cutajar tal-10 ta' April 2024 fejn issottometta illi s-sentenza studjata u elaborata tal-Ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma.

**7.** Rat l-atti kollha tal-kawża.

**8.** Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat,**

**9**. Illi fl-appell minnu ntentat l-Avukat Ġenerali jsib oġġezzjoni għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fejn din ordnat l-isfilz ta'l-istqarrija rilaxxata mill-appellat Carmelo Cutajar lura fit-02 ta' April 2004 kif ukoll ta' kwalunkwe indikazzjoni jew referenza li hemm għaliha fil-provi kkumpilati, u talab lil din il-Qorti sabiex tqies il-valur probatorju ta' din l-istqarrija billi huwa tal-fehma illi din il-prova determinanti ma għandhiex tkun mwarrba għal motiv uniku illi l-appellat ma kellux jedd għall-assistenza legali meħtieġa filwaqt li potenzjalment setgħu saru dikjarazzjonijiet inkriminatorji u li sussegwentement jistgħu jintużaw bħala prova fil-proċess kriminali. Jistqarr illi kull każ għandu il-fattispeċje tiegħu li jirrenduh uniku u għalhekk jimmerita analiżi għalih innifsu sabiex ikun stabbilit jekk teżistix il-biża' illi l-persuna akkużata

tistax issofri minn nuqqas ta' smigħ xieraq bl-ammissjoni ta' din il-prova fil-ġuri. Iqis illi f'dan il-każ lill-appellat kienet issomministrata dik it-twissija viġenti fiż-żmien meta ittieħdet, bl-istqarrija tkun rilaxxata minnu b'mod volontarju fejn għażel li jwieġeb għal uħud mill-mistoqsijiet li tpoġġewlu mill-investigaturi, u oħrajn għażel li ma jweġibhomx. Inoltre fl-istadju kumpilatorju, fejn huwa kien dejjem debitament assistit mill-avukat tiegħu, qatt ma qanqal din il-lanjanza. Lanqas ma jaqbel, l-Avukat Ġenerali, mad-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali illi ma tista' ssir ebda referenza għal dak mistqarr mill-appellat lill-pulizija fil-ħin meta kien fil-kumpanija tagħhom. Itenni l-Avukat Ġenerali illi l-qrati ta' kompetenza penali ma għandhomx is-setgħa jissindikaw il-valur probatorju ta' evidenza għal raġuni li din hija leżiva ta' xi dritt fondamentali tal-persuna akkużata. Jibqa' jinsisti illi ġaladarba il-proċess għadu ma seħħx fl-intier tiegħu ma jistax, f'dan l-istadju, jkun stabbilit jekk seħħitx din il-leżjoni. Fil-fehma ta'l-Avukat Ġenerali, dawn iċ-ċirkostanzi għandhom iwasslu għal mitigazzjoni fil-piena, iżda mhux għat-twarrib ta' evidenza li ittieħdet skont il-liġi.

**10**. Illi l-appellat jilqa' għal dan l-appell ta'l-Avukat Ġenerali u jikkontendi illi fid-dawl taċ-ċirkostanzi probatorji ta' dan il-każ, il-kriterju tal-*overall fairness* stabbilit fis-sentenzi tal-QEDB qatt ma jista' jkun sodisfatt. Dan għaliex l-prova ta'l-istqarrija ser titressaq f'xenarju fejn l-allegat vittma ma jistax jiddeponi għax laħaq miet u dan wara li, fuq talba ta'l-Avukat Ġenerali stess, dan il-proċess penali twaqqaf għal snin sħaħ jistenna sabiex il-proċeduri kontra l-allegat vittma, fejn huwa kien mixli bir-reati ta' korruzzjoni ta' minorenni u r-reat ta' rikatt, fost oħrajn, jintemmu. Dan wassal sabiex llum il-Prosekuzzjoni ser tressaq ix-xiehda ta'l-allegat vittma mogħtija fil-kumpilazzjoni quddiem il-ġurija, meta qatt ma seta' jsirlu il-kontro-eżami stante illi fiż-żmien meta iddepona għażel li ma jweġibx għal mistqsiojiet li sarulu mid-difiża sabiex ma jinkriminax ruħu. *Di piu'* jikkontendi illi l-appellat irilaxxja l-istqarrija meta kien fi stat ta' eċċitament u ta' paniku u imwerwer, mingħajr il-possibbilita' li jikkonsulta ma' Avukat, u dan wara li l-allegat vittma beda jirrikatta lilu u lil familja tiegħu b'ritratti indiċenti ta' bintu li għamlet żmien, meta kienet għadha minorenni, f'relazzjoni

abbużiva miegħu. Din l-istqarrija ittieħdet ukoll wara li l-allegat vittma kien, saħansitra ġewwa l-għassa tal-Imsida, ipprova jħebb għalih, iżda minflok ħebb għal ibnu. Għad-difiża dawn il-fatti probatorji ma jistgħu qatt jissoddisfaw il-kriterju tal-*overall fairness* stabbilit mill-QEDB u adottat mill-Qorti Kostituzzjonali.

**11**. Illi l-Qorti Kriminali ddeċidiet hekk din l-eċċezzjoni, u dan wara li għamlet rassenja tal-ġurisprudenza in materja tal-valur probatorju ta'l-istqarrijiet, b'mod speċjali dawk rilaxxati qabel l-10 ta' Frar 2010:

> **"Fil-każ odjern, kif diġa ġie ritenut, l-akkużat Carmelo Cutajar irrilaxxa stqarrija f'April 2004, fejn ma kienx assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu, la qabel u anqas wara l-interrogazzjoni mill-pulizija. Hu ma ngħata l-ebda dritt li jfittex l-għajnuna ta' avukat sabiex la jagħtih parir legali u lanqas biex jassistih matul l-interrogazzjoni, u dan billi dan id-dritt ma kienx mogħti bil-liġi f'dak iż-żmien. Illli minn qari tal-istqarrija, jidher illi l-akkużat, ingħata twissija fis-sens li kellu dritt li ma jweġibx għad-domandi iżda jekk iwieġeb dak li jgħid jista' jinġieb bħala prova. Madankollu, xorta jibqa' l-fatt illi jista' jkun hemm preġudizzju kontra l-akkużat, speċjalment meta min hu imsejjaħ sabiex jiġġudika jara xi tweġibiet minnu mogħtija fl-istqarrija tiegħu u meta hu ma kellu jedd għall-ebda difiża. Għalhekk, meta ħadet in konsiderazzjoni dak kollu suċitat, din il-Qorti hi tal-fhema illi fir-rigward tal-istqarria tal-akkuzat u kwalunkwe indikazzjoni jew referenza għaliha għandhom jiġu ddikjarati inammissibli u konsegwentament sfilzati mill-atti proċesswali."**

**12**. Illi l-appellat sejjes l-eċċezzjoni tiegħu dwar l-inammissibbilita ta'l-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija fuq potenzjali leżjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu, senjatament dawk li għandu jedd għalihom fil-proċess ġudizzjarju u ċioe' id-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq. Illi l-pożizzjoni ta' dritt dwar it-teħid ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mis-suspettat taħt id-dritt penali nostran, kif tajjeb traċċat dettaljatament mill-Qorti Kriminali, ra żviluppi sostanzjali fi snin reċenti. Illi fiż-żmien meta l-akkużat kien arrestat u interrogat lura fis-sena 2004 huwa ma kellu jedd għal ebda forma ta' assistenza legali, la qabel u wisq anqas waqt it-teħid tal-istqarrija. Illi kien biss fi Frar tas-sena 2010 li daħal fis-seħħ id-dispost tal-liġi li kien jagħti jedd lil persuna suspettata li tikkonsulta avukat għal siegħa qabel l-interrogatorju, bir-regola tal-inferenza tapplika fil-każ li is-suspettat jogħġbu jeżerċita d-dritt tiegħu għas-

silenzju. Illi imbagħad seħħ bdil ieħor għal Kodiċi Kriminali u dan bit-trasposizzjoni fil-liġi tagħna ta' dak imfassal fid-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew, meta allura daħal fis-seħħ il-jedd tas-suspettat li jkollu avukat preżenti miegħu waqt li jkun qed jiġi interrogat mill-investigatur. Illum fid-dawl tal-iżviluppi legali u ġurisprudenzjali, madanakollu, ma jistax jiġi ritenut li dwar dawn l-istqarrijiet tapplika xi regola esklużjonarja ta' dritt penali proċedurali li tirrendi dawk l-istqarrijiet inammissibbli, għalkemm sal-mument li ngħataw id-deċiżjonijiet fil-kawzi quddiem il-QEDB ta' *Beuze vs il-Belgju*, *Farrugia vs Malta*, *Stephens vs Malta*, u oħrajn fuq l-istess linja ta' ħsieb, il-qrati tagħna kienu qed japplikaw din ir-regola esklużjonarja għal dawk l-istqarrijiet fejn is-suspettat ma kellu ebda forma ta' assistenza legali, u dan in sewgitu għas-sentenza tal-QEDB *Borg vs Malta*.

**13.** F'**"Farrugia vs Malta"** (63041/13) deċiża fis-7 ta' Ottubru 2019, ntqal hekk:

> ***98. Prior to the recent Beuze judgment, in a number of cases, the Court found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009 and Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010). That same approach was followed by the Court in relation to the Maltese context in Borg (no. 37537/13, 12 January 2016).***
> ***99. Subsequently, being confronted with a certain divergence in the approach to be followed in cases dealing with the right of access to a lawyer, the Court had occasion to further examine the matter in Ibrahim and Others, Simeonovi and more recently in Beuze, all cited above, where the Court departed from the principle set out in the preceding paragraph. In Beuze, the most recent authority on the matter, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them.***

Dawn is-sentenzi jikkonfermaw il-ħsieb adottat preċedentement mill-QEDB fil-każ *Beuze* fejn kien stabbilit illi sabiex ikun determinat jekk l-istqarrija rilaxxata mingħajr l-assistenza ta' avukat twassalx għal vjolazzjoni tad-drittijiet tal-akkużat għal smigħ

xieraq, irid ikun investigat jekk kienx hemm raġunijiet impellenti li jiġġustifikaw din ir-restrizzjoni, u wkoll għandu jkun mistħarreġ il-kriterju tal-hekk imsejjaħ "*overall fairness*" tal-proċeduri fl-intier tagħhom, bil-fatt waħdu, allura illi l-liġi kienet tipprekludi l-assistenza legali b'mod ġenerali ma hijiex waħedha raġuni suffiċjenti biex tiġġustifika leżjoni.

**14.** Fir-rigward tal-ewwel stħarriġ li jrid isir marbut mal-hekk imsejjħa '*compelling reasons*' il-QEDB stqarret:

> ***"The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention"[1].***

**15**. Illi fil-każ issa taħt il-lenti tal-Qorti huwa evidenti li dan it-test qatt ma jista' jkun superat billi ma hemm ebda raġuni impellenti 'il għala l-akkużat, illum appellat, kellu jkun imċaħħad minn dan il-jedd, għajr għal fatt illi dan id-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju kien kompletament assenti fil-liġi f'dak iż-żmien.

**16.** Madanakollu, dan it-test waħdu ma jirrendiex, b'mod awtomatiku, l-istqarrija inammissibbli fil-liġi għaliex irid ikun superat ukoll it-tieni test imfassal mill-QEDB meta jiġi mistħarreġ jekk dik l-istqarrija għandiex titwarrab mill-atti. L-eżami tal-'*overall fairness*' tal-proċeduri jinneċċesita stħarriġ ġudizzjarju tal-piż li għandu jingħata lil din il-prova meta imqabbla mal-evidenza kollha li hemm fl-atti. Il-QEDB fasslet lista mhux eżawrjenti ta' uħud mill-fatturi li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni meta jsir dan l-eżerċizzju:

(a) *whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

---

[1] Ibid.

(b) *the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

(c) *whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

(d) *the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

(e) *where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

(f) *in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

(g) *the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

(h) *whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

(i) *the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

(j) *other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150).*

**17.** Issa ġaladarba f'dan il-każ, il-proċeduri għadhom fi stadju bikri fejn għad irid jkun iċċelebrat il-ġuri, il-Qorti, ma għandhiex is-setgħa li teżamina Hi jekk dawn il-kriterji hawn fuq iċċitati humiex sodisfatti u dan għaliex, kif ingħad, il-ġuri għadu ma seħħx, b'din il-Qorti, u l-Qorti Kriminali, qabilha ma tistax f'dan l-istadju tidħol biex teżmina il-mertu tal-każ u tikkumenta fuq l-evidenza ikkumpilata, billi dan l-eżerċizzju għandu ikun rimess unikament f'idejn il-ġurija popolari. Iżda, din il-Qorti hija tal-fehma illi fis-sitwazzjoni fejn jirriżultalHa evidenti, f'dan l-istadju, li xi waħda jew aktar mill-kriterji hawn fuq stabbiliti ma jistgħux ikunu sodisfatti, u li allura jkun hemm il-periklu li jseħħ preġudizzju serju lejn l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, illi jista' jkun ġustifikat it-twarrib tal-istqarrija mill-atti u dan qabel ma jkun ċċelebrat il-ġuri.

**18.** Illi din il-Qorti, għalhekk, eżaminat mill-ġdid l-atti kumpilatorji li minnhom jemerġu ċ-ċirkostanzi li sawwru dan il-każ, b'mod partikolari dawk li wasslu lill-appellat jirrilaxxa l-istqarrija tiegħu lil pulizija. Illi mill-atti kumpilatorji jemerġi xenarju fejn l-allegat vittma, illum defunt, kien mixli li kkorrompa u kkometta atti sesswali fuq bint l-appellat u dan minn mindu din kellha l-eta' ta' tlettax-il sena. Jidher illi fil-jiem qabel seħħ dan il-każ l-appellat sar jaf li bintu għal snin sħaħ kienet allegatament abbużata, kemm sesswalment kif ukoll fiżikament, u bi vjolenza, mill-allegat vittma ta' dan il-każ, tant li kien sar rapport lil pulizija, u fil-fatt Giużeppi Magri kien imfittex mill-pulizija, iżda mingħajr suċċess. Jidher illi dan Magri beda jsewgi lill-appellat u lil familjari tiegħu u jħalli xi ittri komprometttenti fuq il-vetturi tagħhom bil-għan li jirrikattahom b'*video* li kien ħa tal-minuri tikkometti xi atti sesswali. Fl-għodwa tat-01 ta' April 2004 l-appellat kien lemaħ lil Magri viċin il-lant tax-xogħol tiegħu ġewwa l-Imsida u għalhekk irrikorra minnufih l-għassa tal-pulizija biex jagħmel rapport, u bl-assistenza tal-pulizija 1416 kien mar lura l-Imsida sabiex jindikalu fejn seta' jinstab Magri biex jkun jista' jiġi arrestat. Iżda meta il-pulizija avviċina lil Magri għal dan il-għan, jidher illi l-appellat ikkommetta l-atti inkriminatorji li dwarhom hu mixli, meta bil-vettura tiegħu allegatament ipprova itajjar lil Magri għal darba darbtejn, bl-ewwel darba jirnexxielu jolqtu. Il-kuntistabbli 1416 jipproċedi għall-arrest tal-appellat, iżda ma jidhirx illi mal-mument ta'l-arrest tiegħu jagħtih xi twissija, u fit-triqthom lejn l-għassa l-appellat igħidlu diskors inkriminatorju. Jirriżulta is-segwenti mix-xiehda ta' PC1416 Peter Paul Attard:

> *"... jien lil Cutajar ghidtlu li kont sejjer narrestah u biex huwa ma joffri ebda resistenza u huwa obdieni mill-ewwel.*
> *Jien lil Cutajar hadtu l-Ghassa ... ahna u mexjin Cutajar qalli l-kliem "Dispjacir wiehed ghandi, li ma qtiltux." Jien hadtu lil Cutajar l-Ghassa u jiena infurmajt lill-Ispettur Stephen Gatt li kien qieghed l-ghassa bl-akkadut.*[2]"

**19**. Issa minn dak li xehed l-Uffiċjal Investigatur u l-pulizija l-oħra li kellmu lill-appellat f'dik l-għodwa meta seħħ is-sinistru mertu tal-każ, jidher illi Cutajar kien

---

[2] Ara atti kumpilatorji a fol.44/45

kemmxejn ippanikjat u aġitat. Igħid hekk l-Ispettur Stephen J. Gatt li interroga lill-appellat meta xehed fl-Istruttorja in kontro-eżami:

> *"Qed nigi mistoqsi mid-difiza jekk hux Ruth Cutajar u Carmelo Cutajar dak in-nhar tal-1 ta' April 2004 jekk meta gewx l-Ghassa kienux fi stat ta' paniku, dehrux ghalija li kienu fi stat ta' paniku, nghid: Iva, kienu fi stat ta' paniku jew inkella ahjar eccitati u riedu li l-Pulizija jittiehdu passi immedjati kontra Magri ghax kien qieghed idejjaqhom bl-ittri...[3]"*

**20.** Imbagħad PC1416 Peter Paul Attard li kien l-uffiċjal tal-pulizija li kien akkompanja lill-appellat l-Imsida sabiex jindikalu fejn kien jinstab Magri biex jarrestah igħid hekk fix-xiehda tiegħu fil-kumpilazzjoni:

> *"Meta Carmelo Cutajar kien gie jirrapporta l-ghassa dak in-nhar, qabel ma jien mbagħad u hu morna biex jurini fejn kien qiegħed Magri, nghid ghalija Cutajar kien fi stat ta' paniku. Nghid illi wara illi Cutajar kien tajjar lil Magri, Cutajar kien iktar panikuz u imwerwer[4]."*

**21**. Illi mal-arrest tiegħu l-appellat jittieħed l-għassa tal-pulizija taħt arrest, kif ingħad, u filwaqt li jkun hemm jasal Magri, ukoll taħt arrest, li jipprova iħebb għal iben Cutajar għax bi zvista jaħsbu l-appellat.

**22**. L-għada it-02 ta' April 2024 għal ħabta tat-tlieta ta' wara nofs in-nhar Cutajar jiġi interrogat u jirrilaxxja l-istqarrija tiegħu u dan mingħajr ma jkollu l-jedd la li jikkonsulta ma' avukat u lanqas illi jkollu avukat preżenti miegħu biex jassistieh. L-appellat kien imwissi hekk qabel ir-rilaxx ta' din l-istqarrija:

> **"Qed nigi imwissi mill-Ispettur Stephen J. Gatt fil-presenza ta' P.S.1102 Everest li m'inhix obbligat li nitkellem sakemm ma nkunx nixtieq li nitkellem, imma dak li nghid jista' jingieb bi prova."**

Wara li tintemm l-istqarrija l-appellat, dak iż-żmien suspettat, jagħżel li ma jiffirmahiex. L-istqarrija hija waħda li fiha dikjarazzjonijiet inkriminatorji. Ftit tal-ħin wara jitressaq il-Qorti bl-arrest mixli fost oħrajn bir-reat tat-tentattiv ta' omiċidju ta' Giużeppi Magri.

---

[3] Ara atti kumpilatorji a fol.20
[4] Ara atti kumpilatorji a fol.47

**23**. Illi minn hawn tibda l-kumpilazzjoni tal-provi. Jittieħdu passi kriminali ukoll kontra l-allegat vittma Giużeppi Magri għar-reati ta' korruzzjoni ta' minorenni u rikatt fost oħrajn, u għalkemm meta jkun imsejjaħ biex jixhed għall-ewwel darba, Magri jagħzel li jirreklama id-dritt tiegħu għas-silenzju, mbagħad, meta jkun imsejjaħ għat-tieni darba fl-04 ta' Awwissu 2004, wara li jkun debitament imwissi mill-Istruttur, Magri jagħżel li jiddeponi biss in eżami. Iżda, imbagħad, għall-mistoqsijiet li jitpoġġewlu in kontro-eżami huwa jirreklama id-dritt tiegħu għas-silenzju, u għalkemm allura fix-xiehda tiegħu jagħti retroxxena ta' dak li seħħ fl-għodwa tal-1 ta' April 2004, jagħżel li ma jiddeponiex dwar dak li wassal għal dan l-inċident meta mistoqsi mid-difiża, u dan sabiex ma jinkriminax ruħu billi l-mistoqsijiet kienu jikkonċernaw l-allegat abbuż fuq il-minuri Ruth Cutajar, bint Carmelo Cutajar u l-allegazzjonijiet dwar l-ittri ta' theddid u rikatt li dwarhom kien mixli.

**24**. Illi magħluqa il-kumpilazzjoni u ppreżentata l-Att ta'l-Akkuża fil-25 ta' Frar 2008 mill-Avukat Ġenerali, wara li jkunu sorvolati l-eċċezzjonijiet preliminari imressqa mill-appellat, il-ġuri jiġi appuntat mill-Qorti Kriminali għal 31 ta' Mejju 2010. Iżda b'rikors ippreżentat fit-03 ta' Mejju 2010, l-Avukat Ġenerali jitlob li l-ġuri jitħalla għal data iktar 'il bogħod u dan sabiex jilħqu jintemmu il-proċeduri penali pendenti kontra l-allegat vittma Magri bil-għan li dan ikun f 'posizzjoni jiddeponi fil-ġuri. B'digriet tal-04 ta' Mejju 2010, il-Qorti Kriminali tilqa' din it-talba bil-ġuri jkun differit *sine die* sakemm il-każ kontra Gużeppi Magri jkun definittavment konkluż.

**25**. Illi mill-verbal tas-seduta tal-15 ta' April 2021, jirriżulta illi l-każ kontra Giużeppi Magri kien deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati, iżda kien ġie intavolat appell li kien għadu pendenti. Fil-mori ta' dan l-appell, Magri jmut biex b'hekk il-proceduri kienu dikjarati estinti u dan fl-20 ta' April 2023. Illi din il-Qorti ħadet avviż ġudizzjarju tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-20 ta' Marzu 2020 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Giużeppi Magri* fejn

huwa kien misjub ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kien ikundannat għal piena ta' ħames snin priġunerija u multa ta' €2000.

**26**. Issa din il-Qorti ħadet konjizzjoni ta' dan ix-xenarju probatorju u dan sabiex tqies jekk f'dan l-istadju, u mingħajr ma tinoltra ruħha f'apprezzament tal-provi, tistax tasal biex tistabbilixxi jekk il-kriterji imfassla fis-sentenza *Beuze* jissussistux, u allura jekk bl-ammissjoni bħala prova fil-ġuri tal-istqarrija rilaxxata mill-appellat meta huwa ma kellu ebda assistenza legali, hux ser iseħħ preġudizzju irrimedjabbli lejn l-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Jibda biex jingħad illi l-appellat minnufih mal-arrest tiegħu mill-PC1416, jagħmel dikjarazzjonijiet inkriminatorji meta ma kien ingħata ebda twissija u dan għalkemm il-PC1416 kien ipproċeda għall-arrest tiegħu, kif ingħad. Mhux biss iżda mill-evidenza kkumpilata, u li l-Qorti iċċitat il-brani rilevanti tagħha, kien evidenti illi l-appellat waqt l-arrest tiegħu kien fi stat ta' aġitazzjoni u imwerwer. Illi l-Investigaturi imbaghad interrogaw lill-appellat l-ghada ta'l-inċident bl-appellat, ghalkemm imwissi bit-twissija viġenti f'dak iż-żmien, jammetti li kien tajjar lil Magri bil-vettura tiegħu għalkemm ma kellu ebda intenzjoni li joqtlu. Huwa nkontestat illi l-appellat ma irċeva ebda assistenza legali la mal-mument tal-arrest tiegħu, kif lanqas tul iż-żmien li dam arrestat u meta kien interrogat, l-għada. Illi mbagħad bil-fatt illi l-proċeduri damu għaddejjin għal diversi snin, l-allegat vittma laħaq miet sabiex llum l-unika verżjoni tiegħu tal-fatti hija dik li ngħatat minnu fil-kumpilazzjoni u li d-difiża kient prekluża milli tagħmel il-kontro-eżami. Illi l-Qorti lanqas ma tista' tinjora l-istat ta' aġitazzjoni u paniku li kien fih l-appellat kemm qabel l-arrest tiegħu, kif ukoll wara.

**27**. Illi allura l-Qorti tqies illi f'dan l-istadju għalkemm għad irid jkun iċċelebrat il-ġuri, madanakollu huwa evidenti mhux biss illi l-appellat, għamel dikjarazzjonijiet mal-investigaturi mal-arrest tiegħu meta dan ma kien għadu ingħata ebda forma ta' *caution*, iżda imbagħad meta jiġi interrogat u tingħatalu dik it-twissija viġenti f'dak iż-żmien, jwieġeb għal uħud mill-mistoqsijiet li jsirulu u jinkrimina ruħu mingħajr ma jingħata ebda forma ta' difiża billi, kif ingħad, dak iż-żmien il-liġi kienet teskludi dan il-jedd

b'mod sistematiku. Huwa indubitat għalhekk, u dan mingħajr ma din il-Qorti tinoltra ruħha fil-mertu tal-każ, illi d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-appellat mal-arrest tiegħu flimkien mal-istqarrija jikkostitwixxu prova ferm determinanti f'dan il-proċess.

**28.** Illi allura għalkemm "i**l-ġurisprudenza hi ċara li l-fatt li persuna suspettata li kkommettiet reat tagħmel stqarrija mingħajr l-assistenza ta' avukat ma jwassalx bilfors għal ksur fil-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fil-proċeduri kriminali li jittieħdu kontra dik il-persuna,"**[5] madanakollu f'dan il-kwadru probatorju ebda direzzjoni li tista' tingħata lil ġurati ma tista' tissana d-difett proċedurali li seħħ inizjalment mal-arrest tal-appellant meta għamel dikjarazzjonijiet inkriminatorji qabel ma kien mogħti ebda twissija u imbagħad, għalkemm imwissi, f'stqarrija rilaxxata mingħajr ma kellu il-jedd jitlob parir minn għand avukat u mingħajr ma jkun lanqas assistit filwaqt tat-teħid tagħha, spiċċa inkrimina ruħu, biex b'hekk, fil-fehma tal-Qorti, dan jista' jissarraf f'preġudizzju irrimedjabbli.

**29**. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi, għalkemm l-appellat issa ser ikun assistit minn avukat waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u wkoll ser ikollu kull opportunita' li jressaq id-difiża tiegħu, dawn il-fatturi ma jistgħu bl-ebda mod iwarrab il-periklu ta' żbilanc bejn id-drittijiet tiegħu bħala l-persuna akkużata fil-proċess ġudizzjarju u d-dritt tas-soċjeta li tara li l-proċess kriminali jsir skond il-ħaqq. Dan għaliex jekk dawn id-dikjarazzjonijiet flimkien ma'l-istqarrija tal-appellat jitħallew fl-atti, il-Prosekuzzjoni ser tressaq prova quddiem il-ġurati fejn l-appellat għamel dikjarazzjonijiet dwar il-każ inizjalment mingħajr ma ingħata ebda forma ta' twissija skont il-liġi u dan meta diġa' kien meqjus bħala suspettat bil-kummissjoni tad-delitt. U għalkemm dawn d-dikjarazzjonijiet ma kienux reġistrati jew meħuda bil-miktub, iżda jifformaw parti mix-xiehda tal-uffiċjali tal-pulizija investigattivi biex meta imqabbla ma' dak imbagħad dikjarat fl-istqarrija bil-miktub tista' tikkostitwixxi prova determinati. Dan kollu seħħ meta l-appellat ma kellu ebda forma ta' difiza sabiex b'hekk kellu d-dritt tas-silenzju u

[5] Jean Marc Dalli vs Kummissarju tal-Pulizija – QK – 31/05/2023

ma eżerċitahx, injar mill-konsegwenzi legali li dan seta' jġib miegħu meta nkisbet prova ewlenija fil-proċess penali.

**30**. Illi hija l-fehma tal-Qorti allura, stabbilit li ma kienx hemm ragunijiet impellenti li wasslu sabiex id-dritt ghall-assistenza legali jkun miċħud u adottat il-kriterju tal-"*overall fairness of the proceedings*" imfassal fil-każ *Beuze vs il-Belgju,* u oħrajn bl-istess ħsieb, għalkemm l-istqarrija mertu tal-appell inkisbet skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien, madanakollu dan ma jistax jeradika mill-fatt illi l-appellat irrilaxxa dikjarazzjonijiet verbali u iskritti li l-Prosekuzzjoni bi ħsiebha tressaq bħala prova fil-ġuri, meta dawn kienu rilaxxati mingħajr ebda forma ta' għajnuna legali sabiex tiggwida lill-appellat, iktar u iktar meta d-dikjarazzjonijiet inizjali tiegħu ingħataw mingħajr ma kien debitament imwissi u dan meta kien diġa qiegħed taħt arrest suspettat bil-kummisjoni ta' reat.

**31**. Illi d-direzzjoni li qed tingħata illum mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija ċara u ċioe' illi kull każ irid jitqies għalih billi jkun mistħarreġ f'kull każ individwalment jekk, bil-fatt illi l-persuna akkużata ma kellhiex jedd għal ebda forma ta' assistenza legali dan setax impinġa fuq is-smiegħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha. F'dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi n-nuqqasijiet minnha ravviżati ma jistgħu bl-ebda mod jkunu sanati għaliex l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b'dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x'aktarx ser jivvizjaw l-istqarrijiet tal-appellat, tant illi jkun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqhom meta jiġu biex jagħmlu il-ġudizzju aħħari tagħhom.

**32.** Illi allura għal motivi hawn fuq miġjuba jkun għaqli li f'dan l-istadju bikri tal-proċess ġudizzjarju, din il-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz ta'l-istqarrija rilaxxata mill-appellat, **u kull dikjarazzjoni verbali tiegħu** meta ma kellu jedd għall-ebda forma ta' assistenza legali u meta seta' ma kienx imwissi skont il-liġi, jkunu imwarrba u ma jinġiebux a konjizzjoni tal-ġurati matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, l-appell ta'l-Avukat Ġenerali qed ikun miċħud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier tagħha. Tibgħat l-atti lura lil Qorti Kriminali għal kontinwazzjoni tal-proċess penali kontra l-akkużat.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**